Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,183, 7 ta' Mejju, 2019 B 555

Taqsima B

A.L. 90 tal-2019

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (Kap. 490)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mar-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 490.04

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (8) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (f) tiegħu għandu jitħassar; u

(b) il-paragrafu (j) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej

"(j) Ir-Regolamenti tal-2019 dwar l-Aċċessibilità tas-Siti Elettroniċi u tal-Applikazzjonijiet Mobbli tal-Korpi tas-Settur Pubbliku.".

A.L. 89 tal-2019.